MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 34/2015

**Fl-atti tal-Mandat ta` Deskrizzjoni**

**Nru 64/2015 fl-ismijiet :**

**Av. Nicholas Valenzia bhala mandatarju specjali ta` Aerotron Limited, socjeta` registrata fl-Ingilterra**

***kontra***

**Hermes Aviation Limited C-54428**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Fil-15 ta` Jannar 2015, Hermes Aviation Limited (l-"esekutata") ipprezentat rikors ghal revoka tal-Mandat fl-ismijiet premessi ("il-Mandat") abbazi ta` l-Art 836(1)(b) u/jew l-Art 836(1)(c) u/jew l-Art 836(1)(d) u/jew l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12. Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Fid-19 ta` Jannar 2015, il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-Av. Nicholas Valenzia noe ("l-esekutant"), taghtu sebat (7) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 2 ta` Frar 2015 fid-9.00 a.m.

L-esekutant kien notifikat fit-22 ta` Jannar 2015 u pprezenta risposta bil-miktub fid-29 ta` Jannar 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2015. Semghet fl-udjenza lid-difensuri tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Dakinhar ir-rikors thalla ghal provvediment "*in camera*".

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

L-esekutata talbet hekk mill-Qorti :-

*1. Tirrevoka l-Mandat Kawtelatorju ta` Deskrizzjoni bin-Numru 64/2015 fl-ismijiet "Avv. Nicholas Valenzia bhala mandatarju specjali ta` Aerotron Limited, socjeta` estera registrata fl-Ingilterra vs Hermes Aviation Limited C-54428" u dan ai termini tal-Artikolu 836 [836(1)(b) u/jew 836(1)(c) u/jew 836(1)(d) u/jew (f)] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta flimkien mal-artikoli rilevanti tas-Subtitolu IVA tal-Kap 12 dwar il-Mandat ta` Arrest ta` Ingenji tal-Ajru ; u*

*2. Tordna r-rilaxx tad-dokumenti relattivi hekk maqbudin u elevati u prezentament fil-pussess tal-konsenjatarju u tordna lill-istess konsenjatarju jirritorna l-istess dokumenti fil-pussess tas-socjeta` Hermes Aviation Limited ; u*

*3. Fi kwalunkwe kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-mandat ma ghandux jigi revokat, illi l-attur noe jhallas garanzija ai termini ttal-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u tral-art 865H tal-istess Kap 12 u fi kwalunkwe kaz*

*4. Tordna lill-attur noe inhallsu l-penali kontemplati fl-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif suesposti u dan ai termini tal-Artikolu 865G tal-istess Kap.*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez u b`riserva ghad-drittijiet kollha.*

**III. <u>Ir-ragunijiet tal-esekutata</u>**

**<u>Fil-qosor</u>**, ir-ragunijiet li gabet l-esekutata in sostenn tat-talbiet taghha kienu dawn :-

1) Fejn si tratta ta` ingenji tal-ajru, l-uniku mandat li jista` jinhareg huwa l-mandat ta` arrest ta` ingenji tal-ajru [Art 865(1) tal-Kap 12].

2) Skond l-Art 865A(3) tal-Kap 12, fit-tifsira ta` "ingenji tal-ajru", hemm inkluzi *d-data, manwali u r-records teknici kollha.*

3) Bil-Mandat de quo, il-konsenjatarju ha in konsenja dokumenti li jaqghu taht din il-kwalifika. Ghalhekk il-Mandat huwa abbusiv u llegali.

4) Il-kreditu tal-esekutant huwa ta` US$ 234,588.77. Skond l-Art 865E tal-Kap 12, ma jistax jinhareg mandat ta` arrest ta` ingenji tal-ajru addibit ghat-trasport ta` passiggieri jew merkanzija jekk il-kreditu jkun inferjuri ghall-ammont ta` € 1,000.000.

5) Sprovvista mid-dokumenti, l-esekutata ma tistax topera l-ajruplan skond il-ligi.

6) Fil-mertu, kien l-esekutant li naqas fl-obbligi tieghu skond il-kuntratt tal-kiri tal-ajruplan lill-esekutata ghaliex l-ajruplan ma kellux ic-certifikati tal-manutensjoni kollha aggornati. L-inadempjenzi kienu evidenti mill-bidu nett ghaliex wara li kien iffirmat il-kuntratt, u l-ajruplan beda jtir, l-esekutata sabet li ma setghetx ittajjar l-ajruplan minhabba hsarat billi ma kienux saru spezzjonijiet u/jew manutensjoni fuq l-ajruplan. Segwew diskussjonijiet mal-esekutant fejn dan wera disponibilita` li spejjez tieghu jaghmel il-manutensjoni kif ukoll li jhallas pagament ta` *goodwill on credit.* Ftehim qatt ma kien finalizzat ghaliex l-esekutata ma kenitx qablet mal-*quantum* tal-offerta tal-*goodwill.*

7) L-esekutata garrbet danni.

8) L-esekutant ma gabx prova mqar *prima facie* illi bid-dokumenti fil-pussess tal-esekutata, l-ajruplan jitlef il-valur tieghu rrimedjabilment

9) Bis-sahha tal-kuntratt tal-kirja, l-esekutant diga` thallas *security payment* ta` US$ 240,000. Dan ifisser li diga` hemm garanzija li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni tal-esekutant.

10) Hemm lok ghall-hlas ta` penali ghaliex ghalkemm taf li kienet inadempjenti skond il-kuntratt tal-kirja, xorta wahda pprezentat Mandat li ma kellha l-ebda tipprezenta.

**IV. <u>Id-difiza tal-esekutant</u>**

**<u>Fil-qosor</u>, i**d-difiza tal-esekutant kienet din :-

1) Il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet m`ghandux jigi trattat fi proceddiment ta` din ix-xorta.

2) Ma kien hemm l-ebda qerq wara l-presentata tal-Mandat.

3) L-esekutata qeghda tinterpreta l-ligi hazin fejn din tittratta l-mandat ta` arrest ta` ingenji tal-ajru.

4) L-esekutant ma setax jitlob il-hrug ta` mandat ta` arrest ta` ingenji tal-ajru ladarba l-ajruplan in kwistjoni huwa propjeta` tal-esekutant. Dan apparti li l-kreditu huwa kontra l-esekutata mhux kontra l-ajruplan.

5) L-iskop tat-talba ghall-hrug tal-Mandat de quo kien biss sabiex id-dokumenti tal-ajruplan jibqghu sikuri u ma ssirilhomx hsara sakemm issir u tigi deciza l-kawza dwar il-pretensjoni li l-esekutant ghandu kontra l-esekutata.

6) L-interpretazzjoni korretta tad-disposizzjoni tal-ligi hija li mandat ta` arrest jista` jinhareg biss sabiex tigi kawtelata pretensjoni li tista` tigi skartata bit-tluq

tal-ingenji tal-ajru ; mhuwiex dan u cioe` t-tluq tal-ajruplan il-kaz tal-lum. Ghalhekk mandati ohra huma permessi fosthom il-Mandat de quo.

7) L-ajruplan jinsab Napli ; id-dokumenti tieghu jinsabu Malta.

8) Propju bil-presentata tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat de quo, l-esekutant ikkawtela d-dritt tieghu fuq id-dokumenti tal-ajruplan.

9) Bl-Art 842 tal-Kap 12, il-Qorti ghandha l-jedd li tintervjeni.

10) Id-depozitu fil-pussess tal-esekutant imur favur dan tal-ahhar meta l-esekutat juza l-ajruplan, haga li ma ghamilx. Dak id-depozitu mhuwiex bizzejjed bhala garanzija biex jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni tal-esekutat.

11) Bil-Mandat fis-sehh, mhuwiex iwassal ghall-*grounding* tal-ajruplan.

12) Ma hemm l-ebda raguni ghala l-Mandat ghandu jigi revokat.

## V. <u>Il-Mandat ta` Deskrizzjoni</u>

Il-Mandat ta` Deskrizzjoni, li huwa l-Mandat de quo, huwa regolat bl-Art 839 sa 845 tal-Kap 12. Minn dawn id-disposizzjonijiet, dawk rilevanti ghall-kwistjoni tal-lum huma :-

Skond l-Art 839, *il-mandat ta' deskrizzjoni jista' jinħareġ biex iqiegħed fiż-żgur jedd fuq ħwejjeġ mobbli, li, sabiex dak il-jedd jista' jiġi eżerċitat, ir-rikorrent ikollu interess li dawk il-ħwejjeġ mobbli jibqgħu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinsabu.*

Skond l-Art 841, il-ħwejjeġ deskritti bil-mandat *jibqgħu f'idejn il-persuna li jkunu jinsabu għandha, u dik il-persuna hija responsabbli ta' irfigħ sewwa tagħhom.*

Bis-sahha tal-Art 842, *il-qorti … tista' tagħti kull provvediment li jkun jidhrilha meħtieġ sabiex il-ħwejjeġ deskritti ma jitħassrux jew ma jitgħarrqux jew ma tiġrilhomx ħsara oħra.*

**VI. <u>Il-Mandat ta` Arrest ta` Ingenji tal-Ajru</u>**

Fil-kuntest tat-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat de quo, l-esekutata tirreferi ghall-Mandat ta` Arrest ta` Ingenji tal-Ajru li huwa regolat bl-Art 865A sa l-Art 865K tal-Kap 12.

Skond l-Art 865A(1), l-iskop ta` dan il-mandat kawtelatorju huwa sabiex *jitqgħiedu fiż-żgur dejn jew pretensjonijiet, kemm in personam jew in rem li bit-tluq* tal-ingenji tal-ajru *jistgħu jiġu skartati u ma jkun jista' jinħareġ ebda mandat ieħor kontra l-inġenji tal-ajru jekk mhux mandat ta' arrest.*

Skond l-Art 865A(3)(a), ingenji tal-ajru jinkludu *d-data, manwali u r-records tekniċi kollha.*

Skond l-Art 865E, *il-mandat ta' arrest jista' jintalab quddiem, u jingħata minn, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jitqiegħed fiż-żgur kreditu jew*

*pretensjoni oħra ta' mhux anqas minn sebat elef euro u fejn inġenji tal-ajru li jkun qiegħed jiġi użat għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri jew merkanzija bl-ajru, ta' mhux anqas minn miljun euro, iżda dawn il-limiti fuq l-ammont tal-pretensjoni ma għandhomx ikunu japplikaw għal pussessuri ta' mortgage jew garanzija internazzjonali meta dik il-mortgage jew garanzija tkun ġiet reġistrata jew hi reġistrata taħt it-Taqsima IV jew skont it-Taqsima VI tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru.*

Skond l-Art 865G, *jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmulha b'qerq, il-penali skont l-artikolu 836(8) ma għandhiex tkun inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro.*

Skond l-Art 865H, *il-qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba, fuq talba b'rikors magħmula mill-persuna li kontra l-inġenji tal-ajru tagħha jkun ġie maħruġ il-mandat, jew mill-kmandant tal-inġenji tal-ajru, jew minn persuna oħra li jkollha l-inkarigu tiegħu, jew mill-aġent, tordna lill-parti li titlob il-ħruġ ta' mandat li jġib, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-qorti, garanzija tajba f'ammont ta' mhux inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro, għall-ħlas tal-penali, id-danni u l-imgħaxijiet u, fin-nuqqas ta' dan, tħassar il-mandat.*

## VII. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

### 1) <u>L-Art 836(1) tal-Kap 12</u>

L-ewwel parti tad-disposizzjoni taqra hekk :-

*Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors*

*lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu …*

Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Mejju 2001 fil-procediment "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et**" din il-Qorti (**PA/RCP**) irrilevat "*li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija*".

Din il-Qorti (**PA/RCP**) osservat illi "*dak li trid taghmel il-Qorti f'din* il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli* fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza." ("**P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited**" – P.A. (RCP) 10 ta` Mejju 2001 ; "**Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd**" - P.A. (RCP) 7 ta` Frar 2001)

Dak li din il-Qorti trid tistharreg huwa jekk ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-mandat ikunu jidhru mill-att innifsu kif ukoll illi tara li l-att ma jkunx inhareg b`mod abbusiv ("**Paul Hili vs Dr.Joselle Farrugia**" – Qorti tal-Kummerc – GMA – 23 ta` Gunju 1994).

Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza. Jibqa` d-dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi defenit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – PA/RCP - 29 ta' Novembru 2001). Jekk 'il quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-ezekutant m'ghandu jithallas xejn, xorta wahda ma jistax jinghad necessarjament li l-mandat ma kienx iggustifikat ghax is-success jew telfien ta` kwistjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. ("**Jane**

**Spiteri vs Nicholas Camilleri**" – **PA/JSP** - 10 ta' Jannar 1992 ; "Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited" – **PA/JRM** - 16 ta` April 2004).

Biex tikseb ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att kawtelatorju, l-esekutata trid turi li ghandha raguni fost is-sitta li jindika l-Art 836(1). Fil-kaz tal-lum, l-esekutata ndikat sa erbgha (4) minn dawn ir-ragunijiet. Dawn huma :-

**2) Is-subparagrafu (b)**

Dan jaqra hekk :-

*li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti.*

Biex tavvera ruhha din ir-raguni, irid jirrizulta mqar *prima facie* illi kien hemm xi rekwizit ghall-hrug tal-Mandat li kien jezisti fil-jum meta nhareg il-Mandat, u li fid-data tal-presentata tar-rikors ma jkunx ghadu jezisti.

Ghalkemm fit-titolu ghar-rikors taghha, l-esekutata tirreferi specifikament ghas-subparagrafu (b) bhala raguni ghala qeghda titlob ir-revoka tal-Mandat, waqt li kienet qeghda testendi r-rikors ma tat l-ebda indikazzjoni liema fil-fehma taghha kien ir-rekwizit tal-Mandat li ma kienx ghadu jezisti. Infatti ghalkemm fil-kors tar-rikors, l-esekutata rreferiet specifikament ghal ragunijiet ohra li jissemmew fl-Art 836(1), ghas-subparagrafu (b) ma ghamiltx riferenza ohra.

Ghandu jinghad li mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tispekula x`seta` kien ir-rekwizit li m`ghadux jezisti. L-oneru jispetta lill-esekutata illi fl-ewwel lok tindika ghal liema rekwizit qeghda tirreferi u fit-tieni lok li tipprova mqar *prima facie* li dak ir-rekwizit m`ghadux jezisti.

**Billi fil-kaz tal-lum dan l-oneru tal-esekutata ma kienx sodisfatt, il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni taghha hekk kif fondata fuq is-subparagrafu (b).**

**3) <u>Is-subparagrafu (c)</u>**

Dan jaqra hekk :-

*li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni.*

Fit-twegiba tieghu ghar-rikors promotur, l-esekutant jaghmilha cara hafna illi l-iskop ghalfejn talab il-hrug ta` Mandat ta` Deskrizzjoni mhux xi Mandat iehor ma kienx primarjament il-kawtela tal-kreditu izda l-preservazzjoni tad-dokumenti tal-ajruplan.

F`dan l-istadju, jigi rilevat illi l-esekutata ghamlet sforz sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti illi kien biss stratagemma dak tal-esekutant li jikseb il-hrug ta` Mandat ta` Deskrizzjoni ghaliex kien prekluz milli jittenta jikseb il-hrug ta` Mandat ta` Arrest dwar Ingenji tal-Ajru.

Il-Qorti qieset l-argumenti ta` naha u tal-ohra u frankament tistqarr li dawk tal-esekutant huma aktar konvincenti u attinenti mat-test tal-ligi.

Abbazi tal-fatti li rrizultaw *prima facie* fil-kaz tal-lum, li l-esekutant kellu jmur ghall-Mandat ta` Arrest ghandu jigi eskluz mill-bidu nett mhux daqstant ghaliex l-allegat kreditu tieghu kontra l-esekutata ma jissuperax il-figura indikata fil-ligi (*supra*) izda ghaliex fl-ewwel lok ma kienx jaghmel sens li l-esekutant jikkawtela kreditu bl-

arrest ta` ajruplan li kien propjeta` tieghu u fit-tieni lok ghaliex fid-data tal-presentata tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat l-ajruplan ma kienx qieghed Malta. Dan kollu jfisser illi l-Mandat ta` Arrest ma kienx l-att kawtelatorju indikat ghall-esekutant. Inoltre fil-fehma tal-Qorti hija inkorretta t-tifsira li qeghda taghti l-esekutata ghall-Art 865A ; l-ewwel parti tad-disposizzjoni timxi *pari passu* mat-tieni part ital-istess disposizzjoni u z-zewg sezzjonijiet iridu necessarjament jinqraw flimkien u jitqiesu flimkien tant li l-legislatur inserixxa l-*u* bejn l-ewwel u t-tieni parti. Dan kollu jfisser illi l-hrug ta` Mandat ta` Arrest kontra ajruplan isir il-Mandat tassattiv biss jekk tkun tirrizulta l-ewwel parti tad-disposizzjoni li fil-fattispeci tal-kaz tal-lum ma tista` qatt tirrizulta ghar-ragunijiet *po` anzi* mfissra.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi tenut kont ta` dak li ried jikseb bil-hrug tal-Mandat ta` Deskrizzjoni, l-esekutant ma kkommetta l-ebda abbuz. Il-Qorti terga` taghmel riferenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kap 12 (*supra*). Il-pretensjoni tal-esekutant hija koperta bl-Art 839 u l-provvediment tal-Qorti li tahtar konsenjatarju biex jikkustodixxi d-dokumenti tal-ajruplan kien jaqa` fl-ambitu tal-Art 842.

Dan premess, u specifikament dwar il-garanzija li jsemmi s-subparagrafu (c), hija l-fehma meqjusa tal-Qorti li ladarba l-pretensjoni tal-esekutant hija principalment il-preservazzjoni tads-dokumenti tal-ajruplan, apparti l-kreditu, ir-riferenza ghad-depozitu li ghamlet l-esekutata ghall-flus li hallset skond il-kuntratt tal-kiri tal-ajruplan bhala "garanzija xierqa" mhijiex accettabbli ghaliex il-flus li thallsu lill-esekutant skond il-kuntratt, anke jekk l-ajruplan baqa` l-art, ma jistghux jitqiesu lanqas fuq livell ta` *prima facie* ghall-kustodja tad-dokumenti. Il-valur tad-dokumenti ma jistax jinghata prezz ; anke li kieku ghandhom prezz, dan ma jistax jigi ekwiparat mad-depozitu li thallas lill-esekutant.

**Il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni tal-esekutata skond is-subparagrafu (c).**

**4) <u>Is-subparagrafu (d)</u>**

Dan jaqra hekk :-

*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv.*

Sabiex l-ammont imsemmi fl-att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir ("**Salvino Farrugia vs Exalco Holdings Ltd**" – **PA/GV** - 6 ta' Dicembru 1999) jew l-ammont ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhrix mad-daqqa t`ghajn bhala

wiehed maghmul b`mod azzardat.

Fil-provvediment li tat fl-10 ta` Awissu 2012 *fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk dwar **l-Art 836(1)(d)** tal-Kap 12 :-

*"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti."*

Fl-argumenti li gabet l-esekutata hija tisposta l-prova *prima facie* fuq l-esekutant. Mhux hekk pero` ghandu jkun il-kaz. Jispetta lill-esekutata l-piz tal-prova anke jekk *prima facie* ta` dak rikjest mis-subparagrafu (d). Fil-kaz tal-lum, il-prova li kienet tispetta lill-esekutata ma ngabitx. Anzi jidher li l-*quantum* mhuwiex kontestat mill-esekutata ; dak li fil-fatt qieghed jigi kontestat huwa l-legittimita` tal-pretensjoni tal-esekutant, kwistjoni li trid tigi trattata u deciza fil-kawza dwar il-mertu mhux fil-procediment tal-lum.

**Il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni tal-esekutata skond is-subparagrafu (d).**

**5) <u>Is-subparagrafu (f)</u>**

Dan jaqra hekk :-

*jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 *fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* il-Qorti qalet hekk dwar **<u>l-Art 836(1)(f)</u>** tal-Kap 12 :-

*"Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ* ; "

Fil-kaz tal-lum, ma tirrizultax il-prova fil-parametri tas-subparagrafu (f) kif debitament imfisser fil-gurisprudenza taghna.

**Il-Qorti qeghda ghalhekk tirrespingi l-pretensjoni tal-esekutata skond is-subparagrafu (f).**

**6)** **<u>L-Art 838(A) tal-Kap 12</u>**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

Fil-provvediment ta` "**<u>Gian Domenico Sarti vs Palazzo Events Limited</u>**" li tat din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) fid-19 ta` Dicembru 2013, inghad hekk :-

*Illi dwar it-talba tar-rikorrenti ezekutata ghall-ghoti ta' garanzija irid jinghad li l-ligi trid li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li ikun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill- Qorti taghti dik is-sanzjoni.*

*Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju u bhala konsegwenza ta' tali hrug, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali liwidazzjoni ;*

*Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jigi ffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex thares il-pretensionijiet taghha f kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-Mandat. Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni : l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tintemm procedura jew kawza ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tezegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha ;*

Fil-provvediment ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tad-29 ta` Lulju 2005 fil-procediment "**Stewart Desmond Stanley vs Mangion Galea Therese**" inghad hekk :-

*Ir-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba tat-thassir tal-Mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu fis sehh. Li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahhlu fil-ligi ghalxejn.*

Mill-argumenti li gabet l-esekutanti, il-Qorti mhijiex tara ghaliex ghandha timponi garanzija kif rikjest, anke tenut kont tal-fatt illi hija sprovvista minn provi dwar *quantum* li huma *sine qua non* mat-thaddim tad-disposizzjoni.

Fil-provvediment tal-25 ta` Awissu 2010 fil-procediment "**Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et**", din il-Qorti qalet illi *d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni.*

Apparti minn hekk, jigi rilevat illi mhuwiex kontestat illi l-ajruplan propjeta` tal-esekutant jinsab Napli fl-Italja fil-kustodja tal-esekutanti ghad illi d-dokumenti tieghu llum jinsabu kustoditi mill-konsenjatarju go Malta bhala effett tal-esekuzzjoni tal-Mandat.

**Ghalhekk it-talba tal-esekutata qeghda tkun respinta.**

**7) <u>L-Art 836(8) tal-Kap 12</u>**

L-ewwel parti tad-disposizzjoni taqra hekk :-

*Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju …*

Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 *fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* il-Qorti qalet hekk dwar **<u>l-Art 836(8)</u>** tal-Kap 12 :-

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

**Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-Qorti ma sabet l-ebda abbuz fit-talba tal-esekutant ghall-hrug tal-Mandat de quo u ghalhekk it-talba tal-esekutata mhijiex sejra tinghata konsiderazzjoni.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` Hermes Aviation Limited (C-54428) kif dedotti fir-rikors taghha tal-15 ta` Jannar 2015. L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati sabiex jigu regolati bis-sentenza fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------